MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 538/2006

**Pauline Debono (Karta ta' identita` Numru 676160M) ta' Madame X Limited (C18898) u l-istess Madame X Limited (C18898)**

**vs**

**Meridian Enterprises Company Ltd (C3988)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors gurament ta' Pauline Debono (karta ta' identita' numru 676160M) ta' Madame X Limited (C18898) u l-istess Madame X Limited (C18898) datat 14 ta' Gunju 2006 a fol. 1 tal-process fejn Pauline Debono bil-guramentat taghha esponiet:-

Illi permezz ta' skrittura privata datata 25 ta' Gunju 2002 (kopja taghha hija mmarkata Dok "A"), Pauline Debono ta'

Madame X Limited xtrat minghand is-socjeta' intimata vettura tat-tip Hyundai Santa Fe 4WD bin-numru *tec-Chassis* KMHSC81VR2U190262 u bin-numru tar-registrazzjoni OCT-006 u dan bil-prezz pattwit ta' Lm10,440 (fil-klawsola numru 1.2 tal-iskrittura riferit bhala "the Price") li minnu l-akkwirenti hallset Lm4,000 bhala depositu (f'klawsoli 1.3 u 1.4 tal-iskrittura riferiti bhala "the First Deposit" u "the Second Deposit") b'bilanc ta' Lm6,440 (fi klawsola numru 1.6 tal-iskrittura riferit bhala "the Instalment Balance") pagabbli fi zmien 60 xahar (fi klawsola numru 1.7 tal-iskrittura riferit bhala "the Time").

Illi r-rikorrenti meta ffirmat l-iskrittura ffirmat sittin kambjala in bjank (jigifieri l-ammonti tal-kambjali u d-data taghhom ma kienux dak il-hin tal-firma indikati u dawn l-ammonti u data gew imdahhla wara mis-socjeta' intimata) u dan biex tkopri il-hlas tal-bilanc tal-prezz;

Illi l-vettura mixtrija ma kenitx gdida imma kienet uzata u in partikolari waqt li ingibed eposidju tat-television fis-serie l-Angli; infatti il-vettura meta giet konsenjata lir-rikorrenti kellha diversi hsarat (li s-socjeta' intimata irrangat) kif ukoll 12,000 kilometru.

Illi s-socjeta' intimata ma tatx lir-rikorrenti kopja tal-isrkittura meta din giet iffirmata u kien biss ricentement, u cioe' fis-sena 2006, meta r-rkorrenti riedet tivverifika l-kontenut tal-istess skrittura, li r-rikorrenti ottjeniet kopja taghha.

Illi hekk kif inghatat kopja tal-iskrittura tal-bejgh tal-vettura (Dok 'A') ir-rikorrenti inundat illi minkejja dak li kien pattwit bejnha u bejn is-socjeta' intimata, u speciflkatament illi hija xtrat il-vettura bil-prezz ta' Lm10,440 kif fuq imsemmi u kif rifless fil-klawsola numru 1 tal-iskrittura, il-klawsola numru 3.2 tal-istess skrittura ma tirriflettix il-ftehim bejn il-partijiet u l-ammonti li gew imnizzla fil-kambjali iffirmati u accettati mir-rikorrenti originarjament in bjank wkoll ma jirriflettux il-ftehim fuq il-prezz tal-vettura ta' Lm10,440 u lanqas il-bilanc rimanenti (ossia "the Instalment Balance") li kellu jkun kif pattwit ta' Lm6,440; Illi din l-iskrittura kif

ukoll il-kambjali gew redatti mis-socjeta' intimata certament mhux *in buona fede.*

Illi l-bilanc rimanenti hekk kif mahdum mis-socjeta' intimata skont kif hija miktuba l-klawsola numru 3.2 huwa ta' Lm10,445 (oltre l-imghax) bil-konsegwenza illi l-prezz totali jigi jammonta ghal Lm14,445 u mhux ghal dak pattwit ta' Lm10,440, u l-istess huwa rifless fil-kambjali relattivi.

Illi jirrizulta wkoll li l-imghax mitlub mis-socjeta' intimata jikser id-dispozizzjonijiet tal-**artiklu 1852 tal-Kodici Civili** li jiddisponi li *'L-imghax ma jistax jaqbez it-tmienja fil-mija fis-sena.*

Illi bhala konsegwneza ta' dan r-rikorrenti ffirmat kambjali f'import komplessiv aktar minn dak li jirrispekkja "the Instalment Balance" u imghax dovut u inoltre' effettivament giet li hallset lis-socjeta' intimata ammonti aktar minn dak attwalment dovut.

Illi skont klawsola 4 tal-iskrittura l-propjeta' fil-vettura tibqa' tas-socjeta' intimata sakemm jithallas kull ammont dovut lilha.

Illi b'ittra bonarja datata 21 ta' Marzu, 2006 (Dok B) ir-rikorrenti interpellat lis-socjeta' intimata biex tirrifondi dak kollu li thallas lis-socjeta' intimata *oltre* dak li hija intitolata ghalih, tirritorna kull kambjali li ma tirraprezentax flus dovuti lilha u li tirregistra mal-Awtorita' kompetenti li l-propjeta' tal-vettura ghaddiet lir-rikorrenti b'mod assolut; Illi b'ittra datata 10 ta' April, 2006 (Dok 'C') s-socjeta' intimata, permezz tal-konsulenti legali taghha, irrifjutat dawn it-talbiet, u baqghet inadempjenti minkejja wkoll li ir-rikorrenti interpellata b'ittra ufficjali tas-17 ta' Mejju 2006.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-prezz pattiwt tal-vettura huwa ta' ghaxart elef u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm10,440).

2. Tiddikjara illi l-klawsola numru 3.2 tal-iskrittura (Dok ‘A’) u li l-kambjali attwalment iffirmati mir-rikorrenti a favur tas-socjeta’ intimata ma jirriflettux il-ftehim tassew milhuq bejn il-kontendenti.

3. Tiddikjara li r-rikorrenti hallset lis-socjeta’ intimata l-prezz kollu patwit kif ukoll kull imghax talvolta dovut u li ghalhekk is-socjeta’ intimata ma ghandha tiehu xejn aktar minghand ir-rikorrenti.

4. Tiddikjara li l-esponenti hallset iktar mill-prezz patwit u imghax dovut skont il-ligi.

5. Tillikwida l-ammont imhallas mir-rikorrenti lis-socjeta’ intimata aktar minn dak li huwa legalment dovut lis-socjeta’ intimata.

6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lura lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

7. Tordna li s-socjeta` konvenuta tirritorna lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li din l-Qorti joghgobha tiffissa kull kambjala li tirrapprezenta flus li mhux dovuti lis-socjeta’ intimata.

8. Tordna lis-socjeta’ intimata tiffirma kull dokument li huwa mehtieg sabiex issir ir-registrazzjoni mal-Awtorita’ ta’ Malta dwar it-Trasport jew awtorita’ kompetenti ohra li l-vettura numru ta’ registrazzjoni OCT 006 hija ta’ propjeta’ assoluta tar-rikorrenti.

9. Tinnomina kuratur sabiex jidher fuq kull dokument li huwa mehtieg ghall-finjiet tat-talba precedenti fl-eventwalita’ li l-istess socjeta’ intimata ma tiffirmax dawn id-dokumenti.

Bl-imghax skont il-ligi, u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2006 u tal-ittra bonarja tas-21 ta’ Marzu 2006.

Il-konvenuti huma ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta' Jannar 2007.

Rat ir-risposta ta' Meridian enterprises Company Ltd datata 5 ta' Settembru 2006 a fol 16 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez kontra r-rikorrenti *stante* illi, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, il-prezz pattwit fir-rigward tal-bejgh tal-vettura in kwistjoni kien fil-fatt ta' erbatax-il elf erba' mija u erbgha u erbghin centezmu (Lm14,444), u mhux ghaxart elef erba' mija u erbghin (Lm10,440), u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` intimata a fol 17 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda flimkien mad-dokumenti anness tas-socjeta` konvenuta a fol 20 sa fol 29 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-9 ta' Jannar 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli biex izzomm tliet seduti ghal provi atturi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta' April 2007 fejn il-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u nnominat minn flokha a spejjez provizorjament attrici lil Dr. Ian Vella Galea bhala Perit Legali biex jisma' il-provi tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata 21 ta' Lulju 2009 a fol 185 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tas-socjeta` Meridian Enterprises Company Limited datata 17 ta’ Awwissu 2009 a fol 200 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mzmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea flimkien max-xhieda kollha quddiemu prodotta u d-dokument kollha pprezentati, u r-rapport tal-istess Perit Legali pprezentat fit-12 ta’ Ottubru 2010 u mahluf fis-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2010 kif jidher a fol 213 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 11 ta’ Frar 2011 a fol 234 tal-process li permezz taghha pprezentaw domandi in eskussjoni lill-Perit Legali kif intalab fil-seduta precedenti.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea pprezentata fis-seduta tas-16 ta’ Marzu 2011 a fol 239 tal-process li permezz taghha pprezenta r-risposti tieghu ghall-mistoqsijiet tas-socjeta` intimata.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-18 ta’ Mejju 2011 quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Robert Tufigno ghall-attrici u Dr. Stephen Muscat ghas-socjeta` konvenuta. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti u qablu li l-kawza tista’ tmur ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2012; u l-verbal tal-31 ta’ Jannar 2012 fejn il-kawza giet differita ghat-2 ta’ Frar 2012 ghall-istess skop tal-verbal precedenti; u tat-2 Frar 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta’ Frar 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kwistjoni bejn il-partijiet odjerni jekk il-prezz pattwit tal-vettura mertu tal-kawza odjern kienx Lm10,440 kif hemm indikat f'paragrafu numru 1.2 tal-iskrittura datata 25 ta' Gunju 2002 (Dok. "A" – fol. 6) jew l-ammont ta' Lm14,444 kif pretiz mis-socjeta' intimata.

Illi fil-fatt ir-rikorrenti jallegaw illi l-prezz tal-vettura huwa kif indikat f'klawsola numru 1.2 tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet u cioe' ta' Lm10,440, u dan kif jirrizulta wkoll minn klawsoli 1.3, 1.4 u 1.6 ta' l-istess kuntratt li juru li l-bilanc, wara li jitnaqqas id-depozitu mhallas mir-rikorrenti ta' Lm4,000, huwa ta' Lm6,440. Minn naha l-ohra, s-socjeta' intimata eccepiet illi l-prezz pattwit tal-vettura huwa ta' Lm14,444 kif jirrizulta mill-klawsola numru 3.2 ta' l-istess kuntratt u sostniet li l-ammonti indikati ta' Lm10,440 u Lm6,440 fil-klawsoli numri 1.2 u 1.6 huma zbalji.

Illi hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet "John Zammit vs Michael Zammit Tabone et proprio et nomine" (A.C. - 28 ta' Frar 1997) fejn gie osservat li: *"Meta l-kliem ta' l-att huma cari, l-interpretu ghandu joqghod ghal dawn il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi" (Vol. XXXVI.i.191). ... Hu biss "meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri li jrid jigi konsidrat dak li l-partijiet kontraenti riedu…".*

Illi f'dan ir-rigward l-**artikoli 1002 u 1003 tal-Kodici Civili** jipprovdu illi:-

*"Meta l-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni"* u *"Meta s-sens tal-kelma ma jaqbilx ma' dak li kellhom fi hsiebhom il-partijiet kollha, kif jkun jidher car mill-pattijiet mehudin kollha flimkien, ghandha tghodd l-intenzjoni tal-partjiet".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Charles Zammit Endrich vs Direttur tax-Xogholijiet et"** (P.A. - 30 ta' Mejju 1973) gie osservat illi:-

*"Provi orali imbaghad ma humiex ammissibbli kontra l-miktub hlief biex jigu delucidati xi punti oskuri fih jew f'kaz ta' impunjazzjoni tieghu, jew meta jigu offerti biex tigi mfissra ahjar l-intenzjoni tal-partijiet fejn l-espressjonijiet miktuba jkunu gew espressi b'mod ambigwu jew oskur, jew meta jrid jigi pruvat xi fatt incidentali jew accessorju li jkun konciljabbli mill-att."*

Illi l-**artikolu 1009 tal-Kodici Civili** jipprovdi illi, "*fid-dubju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni."*

Illi wara li l-Qorti rat l-provi kollha prodotti, u r-relazzjoni peritali, u wkoll l-eskussjoni tal-istess, hija thoss li tenut anke kont tal-fatt li l-prezz tal-istess vettura huwa specifikatament indikat fl-istess skrittura fil-kwalsola 1.2. fejn hemm indikat espressament li *"the Price – the company's consideration for selling the vehicle shall be the sum of Lm10,440",* u wkoll tenut kont li skond il-klawsola 1.3, dak indikat bhala *"First Deposit"* huwa fl-ammont ta' Lm500, dak indikat f'klawsola 1.4. bhala *"the Second Deposit"* huwa ta' Lm3,500, u dak indikat bhala *"the Installment Balance"* fi klawsola 1.6 huwa dak ta' Lm6,400, u meta l-istess ammonti hija maghduda flimkien dawn iwasslu ghall-ammont ta' Lm10,440, mela allura hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li dan jndika b'mod mill-iktar car li l-ammont tal-prezz huwa dak indikat fl-istess skrittura, u fil-fatt fl-istess skrittura hemm car li l-prezz huwa dak ta' Lm10,440, u minn qari tal-istess ma jirrizultax li hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni, la darba l-kliem, u f'dan il-kaz l-ammont huwa ben preciz indikat.

Illi l-problema tinqala`, u din hija l-mertu tal-kawza, mhux ghaliex kif donna qed tippretendi s-socjeta' intimata hemm ammont iehor indikat fl-istess skrittura bhala prezz tal-istess vettura, izda ghaliex fi klawsola 3,.2 hemm indikat li l-"Installment Balance" kellhu jithallas permezz ta' 59 pagamenti mensili konsekuttivi ta' Lm215 il-wiehed u pagament iehor li kellhu jkun ta' Lm379. Mela allura dan ifisser li verament l-ammont ta' prezz indikat u pretiz mis-socjeta' attrici, cjoe' dak ta' Lm14,440 qatt ma tnizzel fl-iskrittura, izda huwa biss rizultat ta' kalkolu li s-socjeta'

intimata qed tghid li trid issir meta jigu kkonsidrati l-ammont ta’ pagamenti mensili hemm indikati bhala l-mod kif ghandhu jithallas l-dak indikat bhala installment balance fi kwasola 3.2, liema bilanc naturalment tenut kont tat-tezi tas-socjeta’ intimata lanqas jikkombaccja mal-“installment balance” indikat specifikatament fi klawsola 1.6 fejn dan huwa mnizzel fis-somma ta’ Lm6,400.

Illi fil-fatt l-ammont indikat f’paragrafu 3.2 huwa dak ta’ Lm13,064, li huwa ferm iktar minn dak indikat f’paragrafu 1.6 fl-ammont ta’ Lm6,400, u jekk jinghad dan l-ammont ma’ dak indikat f’paragrafu 1.4 (Lm3,500) u f’paragrafu 1.3 (Lm500) dan iwassal ghall-ammont ta’ Lm17,064. Fil-fatt dan l-ammont qatt ma gie spejgat mis-socjeta’ intimata, tant li anke jekk wiehed jirreferi ghall kalkolu li ghamel Marcel Avellino fis-seduta tal-5 ta’ Ottubru 2007 dan lanqas jammonta ghall dak hawn indikat. Dan jghid li showroom price kien ta’ Lm13,499, on the road expenses ta’ Lm835, Vat ta’ Lm110, b’kollox Lm14,444, li maghhom hemm Lm2,536 interessi, u Lm90 collection fees u dan iwassal ghall-ammont ta’ Lm17,070.

Illi barra minn dan anke jekk jigi kkunsidrat li fl-iskrittura ta’ bejn il-partijiet hemm disgwid ghaliex il-prezz hemm kwotat ma jikkombacjax mal-ammont ta’ pagamenti mensili li l-istess ftehim jistipula u allura l-Qorti jkollha tikkonsidra  provi ohra minbarra dak li l-iskrittura stess tghid, proprju ghaliex hemm konflitt fiha, li jirrizulta mid-disposizzjonijiet tal-istess li huma kontrastanti jew kontradittorji ghal xulxin, din il-Qorti thoss li x-xhieda moghtija mir-rikorrenti Pauline Debono u minn binha Omar Debono bhala konsistenti u kredibbli u ferm aktar verosimili min dik prodotta mis-socjeta’ intimata u dan in kwantu t-tnejn xehedu illi l-ahhar prezz moghti lir-rikorrenti bil-fomm minn Tonio Cassar kien ta’ Lm10,440, liema prezz inghata fil-presenza taghhom it-tnejn wara diversi laqghat. Dan il-prezz fil-fatt gie sussegwentement imnizzel fil-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet f’klawsola numru 1.2 filwaqt illi l-kalkolu tal-bilanc gie ukoll mahdum a bazi ta’ l-istess prezz ta’ Lm10,440 kif jirrizulta minn klawsoli 1.3, 1.4 u 1.6.

Illi minn naha l-ohra, din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali meta l-istess ma qisx bhala kredibbli l-verzjoni ta’ Tonio Cassar u cioe’ illi r-rikorrenti accettat l-prezz kif indikat fuq l-istima Dok. “PD1” a fol. 36 in kwantu dan il-prezz ma jaqbilx u fil-fatt huwa inqas minn dak li s-socjeta’ intimata qed tallega li hu l-prezz tal-vettura u s-socjeta’ intimata ma spjegatx din id-differenza u dan lanqas jaqbel mal-kalkoli li l-istess socjeta’ ghamlet kif spjegati aktar il-fuq f’din l-istess sentenza, tant li l-ammont hemm indikat bhala *“on the road”* huwa ta’ Lm14,000 (fol. 36).

Illi jigi wkoll osservat li ghalkemm is-socjeta’ intimata ssostni illi r-rikorrenti nghataw *discount* specjali fuq il-prezz (para. 4 tad-dikjarazzjoni tas-socjeta’ intimata) u Vincent Sladden xehed illi sabiex jigi skontat prezz il-kwotazzjoni trid tkun iffirmata mis-Sales Manager jew dan irid jaghti l-permess tieghu, mill-provi prodotti dan ma jirrizultax fir-rigward ta’ l-istima Dok. “PD1”. Ma dan jizdied jinghad li l-istess Vincent Sladden spjega wkoll illi ghalkemm is-socjeta’ intimata hija armata biex tbiegh karozzi godda, gie li nbieghu karozzi wzati u hafna drabi l-kwotazzjoni tkun bil-fomm. Illi ghalhekk, il-Qorti ma tikkunsidrax l-ammont indikat fuq l-istima Dok. PD1 bhala dak il-prezz attwalment maqbul bejn il-partijiet.

Illi jirrizulta wkoll li m’huwiex minnu dak iddikjarat mis-socjeta’ intimata fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni taghha u cioe’ illi l-vettura kienet gdida. Fil-fatt jirrizulta ampjament mill-provi li, ghalkemm l-istess vettura qatt ma giet registrata f’isem haddiehor qabel ma nbieghet lir-rikorrenti, l-vettura ma kienetx gdida in kwantu intuzat fil-film ‘L-Angli’ u kellha numru ta’ kilometri meta inbieghet u giet ikkonsenjata lir-rikorrenti. Fir-rigward tan-numru ta’ kilometri li kellha l-karozza fil-mument li giet moghtija lir-rikorrenti, jirrizulta li hemm kontradizzjoni bejn l-ammont ta’ mili indikat minn Tonio Cassar (2000), l-ammont ta’ mili indikat minn Vincent Sladden (800 jew 1291km) u l-ammont kif indikat fuq il-*“job card” a fol.* 158 u cioe’ hdax-il kilometru (11km). Dan ikompli jirrendi l-verzjoni tas-socjeta’ intimata anqas kredibbli.

Illi fir-rigward tal-kambjali, r-rikorrenti u Glenda Calleja jaghtu zewg verzjonijiet dijametrikament opposti, u cioe' filwaqt illi r-rikorrenti tallega illi l-kambjali gew iffirmati in bjank, Glenda Calleja xehdet illi kkonfermat il-bilanc mar-rikorrenti, pprintjat il-kambjali u dawn gew iffirmati mir-rikorrenti quddiemha. Izda anke hawn din il-Qorti thoss li meta dawn ix-xhieda jigu kkonsidrati mal-provi l-ohra fil-kawza, it-tezi attrici hija hafna iktar kredibbli u konsistenti.

Illi jinghad ukoll li s-socjeta' intimata tishaq illi l-prezz minnha pretiz ta' Lm14,444 jirrizulta mill-*Provisional Sales Agreement*, mit-Tax Invoice u mill-*Hire Purchase Schedule*, annessi bhala Dok. “C”, “D” u “E” rispettivament mar-risposta tas-socjeta' intimata. Ghalkemm Glenda Calleja a nom tas-socjeta' intimata allegat li hija kienet spjegat il-*Provisional Sales Agreement* lir-rikorrenti u li r-rikorrenti qablet ma' l-ammont indikat fuqu, r-rikorrenti dejjem cahdet dan u qalet illi l-ebda mid-dokumenti msemmija ma gie muri lilha. Izda fuq kollox huwa vitali li jigi rilevat li l-ebda wiehed minn dawn id-dokumenti ma gew iffirmati mill-atturi jew rikorrenti.

Illi din il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-eskussjoni li saret mis-socjeta' intimata lill-Perit Legali Dr. Ian Vella Galea, u jirrizulta li dawn iktar jaghtu kredtu lill-verzjoni attrici u dan ghaliex jirrizulta li huwa altru minn verosimili li l-kambjali gew iffirmati in bjank, li huwa hija inverosimili l-versjoni ta' Claudia Calleja li hija qratu spjegat lill-attrici l-*provisional sales agreement* minnha rreferiet, iktar u iktar meta d-data tal-*provisional sales agreement* hija l-istess bhal dik ta' meta giet iffirmata l-iskrittura privata tal-bejgh finali, mertu tal-kawza odjerna; l-istima mahruga minn Tonio Cassar kienet ta' Lm14,000, mentri l-ammont indikat fil-provisional sales agreement kien ta' Lm14,444 (Dok. “C” – fol. 26); u tenut kont tal-hsarat li kien hemm fil-vettura meta inbieghet lir-rikorrenti, li jindikaw li l-istess ma kienitx gdida ( u ta' dan hemm konferma mill-*job cards* u wkoll mid-domandi stess li saru in eskussjoni mis-socjeta' intimata) il-prezz indikat mill-atturi huwa iktar kredibbbli minn dak suggerit mis-socjeta' intimata proprju kif indikat mill-perit legali fir-risposta tieghu numru 6 in eskussjoni (fol. 235).

Illi ghalhekk in vista tas-suespost, din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li l-prezz pattwit bejn il-partijiet ghall-vettura mertu tal-kawza hu ta’ Lm10,440 u ghaldaqstant din l-ewwel talba qed tigi milqugha.

Illi dwar it-tieni talba  u konsegwenti ghall dak deciz din il-Qorti tiddikjara li l-klawsola numru 3.2 tal-iskrittura (Dok. A) u li l-kambjali attwalment iffirmati mir-rikorrenti a favur tas-socjeta’ intimata ma jirriflettux il-ftehim tassew milhuq bejn il-kontendenti.

Illi per konsegwenza tas-suespost qed jigi kkonfermat li l-prezz pattwit tal-vettura huwa ta’ Lm10,440, u ghalhekk jirrizulta illi l-klawsola numru 3.2 tal-iskrittura (Dok. A a fol. 7) u l-kambjali attwalment iffirmati mir-rikorrenti a favur tas-socjeta’ intimata ma jirriflettux il-ftehim tassew milhuq bejn il-kontendenti u ghaldaqstant din it-tieni talba rikorrenti qed tigi milqugha.

Illi dan iwasssal sabiex tigi milqugha wkoll it-tielet talba b’dan li qed jigi ddikjarat li r-rikorrenti hallset lis-socjeta’ intimata l-prezz kollu pattwit kif ukoll kull imghax talvolta dovut u li ghalhekk is-socjeta’ intimata ma ghandha tiehu xejn aktar minghand ir-rikorrenti.

Illi dan qed jinghad ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li mill-prezz ta’ Lm10,440, ir-rikorrenti gia hallset l-ammont ta’ Lm4,000 u ghalhekk dan ihalli bilanc ta’ Lm6,440. Flimkien ma’ dan l-ammont iridu jizdiedu l-interessi u collection fee ta’ Lm90 (Dok. “MA” – fol. 59) li ma gietx ikkontestata.

Illi ma inghatat l-ebda spjegazzjoni dwar kif gew komputati l-interessi fuq il-kapital mis-socjeta’ intimata jirrizulta li fuq kapital ta’ Lm10,445 is-socjeta’ intimata kkalkulat interessi fl-ammont ta’ Lm2,536 fuq medda ta’ hames snin u cioe’ Lm507.20 fis-sena, liema ammont jekwivali ghal cirka 4.856% ta’ l-ammont ta’ Lm10,445. Illi 4.856% tal-bilanc ta’ Lm6,440 jekwivali ghal Lm312.72 fis-sena u ghalhekk l-ammont ta’ interessi li jrid jizdied mal-bilanc ta’ Lm6,440 huwa ta’ Lm1,563.60 (Lm312.72 x 5 snin = Lm1.536.60). Ghalhekk, il-bilanc dovut mir-rikorrenti lis-socjeta’ intimata

(wara li jitnaqqas l-ammont gia mhallas ta' Lm4,000 bhala depozitu) huwa ta' Lm8,093.60 (Lm312.72 x 5 snin = Lm1.536.60 (interessi + Lm90 (*"collection fee").*

Illi mill-provi (Dok. "MA" – fol. 59 u Dok. "A" – fol. 22) jirrizulta li wara li hallset l-ammont ta' Lm4,000 bhala depozitu, r-rikorrenti hallset lis-socjeta' intimata l-ammont ta' Lm10,750 ekwivalenti ghal 50 kambjala tal-valur ta' Lm215 kull wahda u allura jirrizulta li r-rikorrenti hallset l-ammont kollu dovut lis-socjeta' intimata u b'dan li is-socjeta' intimata ma ghandha tiehu xejn aktar minghand ir-rikorrenti. Ghaldaqstant, din it-tielet talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha.

Illi r-raba', l-hames u s-sitt talbiet huma fis-sens li l-Qorti giet mitluba tiddikjara li l-attrici hallset iktar mill-prezz pattwit u imghax dovut skond il-ligi, sabiex jigi illikwidat l-ammont imhallas mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata aktar minn dak li huwa legalment dovut lis-socjeta' intimata; u fl-ahharnett sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lura lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata.

Illi mill-kalkolu suespost jirrizulta illi r-rikorrenti hallset Lm2,656.40 (Lm10,750 – Lm8,093.60) ekwivalenti ghall-€6,187.75 - aktar minn dak dovut lis-socjeta' intimata u ghallhekk dan l-ammont ghandu jithallas lir-rikorrenti mis-socjeta' intimata.

Illi ghalhekk ir-raba', l-hames u s-sitt talbiet qed jigu milqugha b'dan illi s-socjeta' intimata ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €6,187.74, ekwivalenti ghal Lm2,656.40.

Illi dwar is-seba' talba l-atturi qed jittolbu li s-socjeta' intimata tirritorna lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju li dina l-Qorti joghgobha tiffissa, kull kambjala li tirraprezenta flus li mhux dovuti lis-socjeta' intimata. F'dan il-kuntest mill-provi prodotti jirrizulta li mis-sittin kambjali ffirmati, r-rikorrenti hallset hamsin wahda fl-ammont ta' Lm215 kull wahda u ghalhekk fadal ghaxar kambjali, disgha minnhom fl-ammont ta' Lm215 u wahda fl-ammont ta' Lm379. Illi gia gie konkluz li r-rikorrenti hallset dak kollu

dovut lis-socjeta' intimata u ghaldaqstant din is-seba' talba ghandha tigi milqugha b'dan illi l-kambjali kollha li ghadhom fil-pussess tas-socjeta' intimata ghandhom jigu ritornati lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din id-decizjoni.

Illi t-tmien u d-disa' talbiet attrici huma fis-sens li din il-Qorti ghandha tordna lis-socjeta' intimata tiffirma kull dokument li huwa mehtieg sabiex issir ir-registrazzjoni mal-Awtorita' ta' Malta dar it-Trasport jew awtorita' kompetenti ohra li l-vettura numru ta' registrazzjoni OCT006 hija ta' proprjeta' assoluta tar-rikorrenti; u sabiex jigi nominat kuratur sabiex jidher fuq kull dokument li huwa mehtieg ghall-finijiet tat-talba precedenti fl-eventwalita' li l-istess socjeta' intimata ma tiffirmax dawn id-dokumenti:

Illi l-klawsola numru 4 tal-kuntratt esebit bhala Dok. "A" tipprovdi illi:-

"*It is agreed that property in the Vehicle shall continue to vest in the Company until such time as the Customer shall have paid the Price in full and any other amount due by the Customer to the Company including any amount due for labour and/or parts supplied by the Garage."*

Illi peress li jirrizulta li r-rikorrenti hallset l-ammont kollu dovut lis-socjeta' intimata, l-istess socjeta' intimata m'ghandiex tibqa' titqies bhala l-proprjetarja tal-vettura mertu tal-kawza u ghaldaqstant it-tmien u d-disa' talbiet attrici ghandhom jigu milqugha sabiex il-vettura tigi rregistrata f'isem ir-rikorrenti bhala proprjetarja.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta guramentata tas-socjeta' intimata datata 5 ta' Settembru 2006 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-prezz patwit tal-vettura huwa ta' ghaxart elef u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm10,440) ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin elf, tlett mija u tmintax-il euro u sitta u sittin centezmu (€24,318.66)

2. Tiddikjara illi l-klawsola numru 3.2 tal-iskrittura (Dok. "A") u li l-kambjali attwalment iffirmati mir-rikorrenti a favur tas-socjeta' intimata ma jirriflettux il-ftehim tassew milhuq bejn il-kontendenti.

3. Tiddikjara li r-rikorrenti hallset lis-socjeta' intimata l-prezz kollu patwit kif ukoll kull imghax talvolta dovut u li ghalhekk is-socjeta' intimata ma ghandha tiehu xejn aktar minghand ir-rikorrenti.

4. Tiddikjara li r-rikorrenti hallset iktar mill-prezz patwit u imghax dovut skont il-ligi.

5. Tillikwida l-ammont imhallas mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata aktar minn dak li huwa legalment dovut lis-socjeta' intimata fl-ammont ta' sitt elef, mija u sebgha u tmenin euro u erba' u sebghin centezmi (€6,187.74), ekwivalenti ghal elfejn, sitt mija u sitta u hamsin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm2,656.40).

6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lura lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata ta' sitt elef, mija u sebgha u tmenin euro u erba' u sebghin centezmi (€6,187.74), ekwivalenti ghal elfejn, sitt mija u sitta u hamsin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm2,656.40).

7. Tordna li s-socjeta` konvenuta tirritorna lir-rikorrenti fi zmien qasir u perentorju ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data ta' din is-sentenza kull kambjala li tirrapprezenta flus li mhux dovuti lis-socjeta' intimata.

8. Tordna lis-socjeta' intimata tiffirma kull dokument li huwa mehtieg sabiex issir ir-registrazzjoni mal-Awtorita' ta' Malta dwar it-Trasport jew awtorita' kompetenti ohra li l-vettura numru ta' registrazzjoni OCT 006 hija ta' propjeta' assoluta tar-rikorrenti.

9. Tinnomina bhala kuratur lil Dr. Ian Vella Galea sabiex jidher fuq kull dokument li huwa mehtieg ghall-finjiet tat-talba precedenti fl-eventwalita’ li l-istess socjeta’ intimata ma tiffirmax dawn id-dokumenti.

Bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Mejju 2006 u tal-ittra bonarja tas-21 ta’ Marzu 2006 kontra s-socjeta’ intimata Meridian Enterprises Company Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------